# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Numru 1781

**Kaz Numru 2426**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Renato Squizzato**

**u**

**Vittoriosa Gaming Limited**

**dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta**

**Illum il-Hamis 3 ta' Mejju 2007**

**Chairman: Is-Sur Antoine DeGiovanni**

**1. Riferenza**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri nhar l-24 ta' Ottubru 2006.

**2. Rapprezentanza**

2.1 Renato Squizzato li minn issa 'l quddiem ser jissejjah ir-rikorrent kien assistit mill-Avukat Anglu Farrugia.

2.2 Il-kumpanija Vittoriosa Gaming Limited li minn issa 'l quddiem ser tissejjah il-kumpanija ntimata kienet irrapprezentata mis-Sur Fernando Orlandi assistit mill-Avukati Simon Tortell u Michael Psaila.

**3. Fatti tal-kaz**

Ir-rikorrent gie mpjegat bhala *Managing Director's Assistant for the Gaming Department* b'effett mil-15 ta' Marzu 2006 fuq kuntratt ghal zmien indefinit, u li ma kienx jinkludi z-zmien ta' prova. Meta fil-bidu ta' Lulju 2006, l-Awtorita' dwar il-Lotterji u l-Loghob irrevokat il-licenzja tal-Casino Di Venezia gestit mill-kumpanija intimata, ir-rikorrent kien mgharraf b'ittra

datata 17 ta' Lulju 2006, li l-impjiegi kollha mal-kumpanija kienu qed jigu tterminati b'effett immedjat.

Ir-rikorrent irrefera l-kaz tat-temma ta' l-impjieg tieghu lit-Tribunal Industrijali bhala kaz ta' tkeccija ngusta u talab li jinghata rimedju ghad-danni li sofra b'rizultat tat-temma ta' l-impjieg.

**4. Lista tax-xhieda**

Ir-rikorrent xehed minn jheddu

**5. Lista ta' dokumenti**

5.1 Il-kumpanija intimata esebiet l-istqarrija tal-kaz

5.2 Ir-rikorrent esebixxa

5.1 l-istqarrija tal-kaz, kopja tal-kuntratt ta' l-impjieg, kopja ta' dikjarazzjoni dwar il-politika tal-kumpanija intimata dwar il-harsien ta' *data, e-mail u internet* u kopja ta' ittra datata 17 ta' Lulju 2006 dwar it-temma ta' l-impjieg.
5.2 estratt minn kopja informali ta' sentenza tal-Qorti Civili Prim' Awla rigwardanti citazzjoni Numru 480/2002/1 immarkata Dok AF1
5.3 estratt minn kopja nformali ta' sentenza tal-Qorti Civili Prim' Awla rrigwardanti citazzjoni Numru 1836/1998/1 immarkata Dok AF2
5.4 estratt minn kopja nformali ta' sentenza fil-Qorti Civili Prim' Awla fil-kaz Robert Desira Buttigieg vs *Bay Street Holdings Limited* immarkata Dok. MP1

**6. Dikjarazzjoni tar-rikorrent rigwardanti r-rilevanza taz-zmien tat-temma ta' l-impjieg u z-zmien tal-prova.**

Fi tmiem it-tielet seduta li saret nhar it-Tlieta 6 ta' Marzu 2007, l-Avukat Anglu Farrugia f'isem ir-rikorrent iddikjara li t-temma ta' l-impjieg saret fiz-zmien ta' prova.

**7. Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali**

Ghalkemm il-kuntratt ma jinkludix fih iz-zmien ta' prova, f'kaz tali z-zmien ta' prova hu dak li jirrizulta mil-ligi. Il-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali li jisma' u jqis kwistjoni ta' temma ta' impjieg hija limitata ghal kazi ta' tkeccija allegata li hi ngusta. It-tifsira ta' tkeccija ngusta teskludi temma ta' impjieg waqt iz-zmien ta' prova, ghaliex il-kwistjoni ta' raguni

gusta u sufficjenti ma tidhol xejn f'temma ta' impjieg waqt iz-zmien ta' prova, li matulu l-principal jista' jtemm l-impjieg minghajr ma jaghti ebda raguni.

**8. Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali wara li sema' x-xhieda tar-rikorrent, qara s-sottomissjonijiet u evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, b'mod partikulari d-dikjarazzjoni tar-rikorrent li t-temma ta' l-impjieg saret matul iz-zmien tal-prova, jiddeciedi li hu prekluz milli jkompli jiehu konjizzjoni tal-kaz.

Ghall-fini ta' taxxa u drittijiet it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta' Erbghin Liri Maltin (Lm40).

___________________

**Antoine DeGiovanni**
**Chairman**